MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Avviz Numru. 264/2004

**Time International Company Limited - (C 7459)**

**vs**

**Toys 'N Kids Limited (C 12916)**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u disgha u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm2,239.10) bhala bilanc minn somma akbar indikata f'att pubbliku fl-atti ta' n-Nutar Dottor Margaret Heywood datat sebgha (7) ta' Settembru elfejn u wiehed (2001), dan kollu skond kif indikat f'prospett u vera kopja ta' l-istess att nutarili, lkoll annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smiegh, ta' l-ittra nterpellatorja datata tletin (30) ta' April, elfejn u erbgha (2004) [kopja annessa bhala dok. "C"], u

bl-imghaxijiet mis-sebgha (7) ta' Settembru, elfejn u wiehed (2001) sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-11 ta' April, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------